MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 231/2014

**Xuereb Installations Limited**

**Vs**

**Armand CHETCUTI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn, hames mija sitta u erbghin euro u hamsa u hamsin centezmi ta' euro [€2,546.55] u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Peress illi s-socjeta attrici giet inkarigata mill-konvenut sabiex tezegwixxi appalt konsistenti f'xogholijiet ta' suffitti u gypsum u xoghol iehor relatat ma' l-istess fil-fond li kien maghruf bl-isem "Mink Bar", fit-

tieni livell tal-kumpless maghruf bl-isem “Baystreet Complex”, f’San Giljan.

2. Peress illi s-socjeta attrici ezegwiet l-appalt kif inkarigata u dan skont is-sengha u l-arti u skont il-ftehim li kellha mal-konvenut.

3. Peress illi l-konvenut baqalu jhallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ €2,546.55, rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ l-appalt ezegwit minnha kif suriferit.

4. Peress illi ghalkemm interpellat, il-konvenut baqa inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-tribunal m’ghandhux jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ €2,546.55, bl-imghax kummercjali dekoribbli mis-7 ta’ Lulju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat Armand Chetcuti** mressqa fid-29 ta’ April, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m’hemm l-ebda bilanc li ghadu dovut lis-socjeta attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri";

Ra l-verbal tat-18 ta' Settembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ra l-atti;

Semgha' x-xhieda;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn, hames mija sitta u erbghin euro u hamsa u hamsin centezmi ta' euro [€2,546.55] rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' l-appalt ezegwit minnha fuq inkarigu ta' l-istess intimat konsistenti f'xogholijiet ta' suffitti u gypsum u xoghol iehor relatat ma' l-istess fil-fond li kien maghruf bl-isem "Mink Bar", fit-tieni livell tal-kumpless maghruf bl-isem "Baystreet Complex", f'San Giljan.

2. L-intimat laqa ghal din it-talba billi qal li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma perenti a tenur ta' l-artikolu 2149 (a) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hem l-ebda bilanc li ghadu dovut lilha.

Ikkunsidra;

3. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li f'xi zmien l-intimat kellu l-hanut bl-isem ta' Mink Bar gewwa l-Baystreet, f'San Giljan. Is-socjeta rikorrenti kienet ghamlitlu xi xogholijiet ta' gypsum u soffit f'dan il-bar. Skond l-intimat, l-ahhar kont li huwa kien ircieva minghand is-socjeta rikorrenti kien fis-sena 2010 u li minn dak iz-zmien lil hawn huwa baqa qatt ma rcieva xejn "... *bil-Qorti sabiex tilobni l-hlas*" (fol. 15). Stqarr li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti u li dak li "... *hallast kien l-ammont rikjest u li allura ma kelli naghti xejn*" (fol. 15). In kontro-ezami, l-intimat qal li minghalih, huwa kien ihallas l-pagamenti dovuti fi flus kontanti. Muri d-dokument MS1 a fol. 11 l-intimat gharaf il-firma tieghu fuq l-ewwel faccata pero qal li ma kienx qieghed jaqbel ma dak miktub fit-tieni faccata ta' dan id-dokument. F'dan ir-rigward, huwa qal li ma kien ircieva l-ebda email skond ma hem indikat. Ghar-rigward tal-modalita tal-hlas indikat fuq din l-ewwel faccata tad-dokument MS1, l-intimat qal li ma jiftakarx jekk kienx segwih jew inkellha kienx hallas b'mod differenti. Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kellhux xi dokumentazzjoni li turi l-pagamaneti li huwa kien wettaq, ix-xhud qal li "... *llum il-gurnata dan in-negozju huwa maghluq. Meta jiena ghalaqt dan in-negozju d-dokumenti suppost kellhom johorgu minn dak il-hanut u jigu ghandi l-ufficju pero ma waslux l-ufficju u huma mitlufin. Jiena ghalija l-kont kien issettiljat*" (fol. 16). Mistoqsi dwar jekk kienx hallas lis-socjeta rikorrenti bi flus kontanti jew inkellha permezz ta' *cheque*, l-intimat qal li ma jiftakarx l-ghaliex kien ghadda wisq zmien. Ftakar pero li kien ghamel *deposit* u mbaghad hallas il-pagamenti dovuti.

   L-intimat stqarr li mill-ahhar tas-sena 2012 huwa beda xoghol gdid bl-isem ta' Print Shop. Qal li s-socjeta rikorrenti kienet talbitu jaghmlilha xi xogholijiet ta' printing ghal fuq il-vannijiet taghha, izda wara li kien baghtilhom l-istimi f'dan ir-rigward, huwa ma semgha xejn iktar minghandha u ftit wara rcieva l-kawza odjerna. Huwa cahad il-fatt li s-socjeta rikorrenti kienet talbitu stima f'dan ir-rigward sabiex b'hekk tkun tista ssir tpaccija ma parti mill-ammont li kien ghadu dovut minnu lilha. L-intimat qabel mal-fatt pero li s-socjeta rikorrenti kienet kelmitu dwar il-kont pendenti tieghu meta huwa ta l-istima ghax-xogholijiet rikjesti minnha. Kompla jghid l-intimat li f'dan ir-rigward, "... *r-risposta tieghi kienet 'jiena ma ghandix intikom*" (fol. 17).

4. David Cassar Torregiani, *project manager* mas-socjeta rikorrenti qal li kien kellmu Sean Cassar, li kien il-persuna inkarigata mill-intimat sabiex jehodlu hsieb id-*design* tal-Mink Bar and Club. Dan Cassar kien ghaddielu xi pjanti u xi disinni ta’ kif kellu jigi x-xoghol f’dan il-Bar u wara li s-socjeta rikorrenti kienet ghaddietlu l-istima ghax-xogholijiet, dan Cassar talabhom sabiex jibdew bix-xogholijiet. Wara li tlestew ix-xogholijiet, x-xhud qal li huwa hareg lista tax-xogholijiet li attwalment saru u ghaddieha lill-accountant tal-kumpanija. Dan imbaghad johrog il-fattura. Ix-xhud ikkonferma li d-dokument li hem esebit a fol. 11 tal-process hija l-fattura in kwistjoni u b’referenza ghall-email li hem a fol. 12 tal-process, ikkonferma li huwa kien baghat din l-email lil Sean Cassar. In kontro-ezami huwa qal li s-socjeta rikorrenti pprovdiet kemm is-servizz kif ukoll il-materjal u li x-xoghol kien inbeda f’April, 2010 u tlesta madwar xahrejn wara u cioe Gunju, 2010.

5. Stephen Cachia, *accounting officer* mas-socjeta rikorrenti qal li huwa kien hade mil-fattura bl-ammont li kellhu jaghti l-intimat wara li r-rapprezentanti l-ohra tal-kumpanija jkunu ghaddewlu l-inkartament relattiv ghal kaz. Wara li jkun ghadda certu zmien u l-klijent ma jkunx hallas l-ammont mitlub, kompla jghid ix-xhud, “*jiena nibda niccejsjah*” (fol. 17). Qal li peress li l-intimat ma kienx qieghed ihallas, huwa kien mar personalment gewwa l-fond gestit mill-intimat u wara li ghaddielu l-kont staqsih kif kienu ser jirrangaw ghar-rigward tal-hlas. Qal li l-intimat kien qallu li ma kienx f’posizzjoni li jhallas l-ammont kollu reklamat f’daqqa u ghalhekk kienu ftehmu sabiex jaghmlu *payment program* skond ma jirrizulta mid-dokument a fol. 20 (dok. SC1). Ghar-rigward ta’ dan id-dokument, ix-xhud qal li l-kitba fuqu hija tieghu filwaqt li l-firma that din il-kitba kienet ta’ l-intimat. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-ahhar pagament li kien ghamel l-intimat kien f’Marzu 2011 u dan skond ma jindika d-dokument li hem a fol. 13 tal-process. Meta l-hlasijiet kienu waqfu, x-xhud kien baghat lil wiehed mid-*deliveryman* tas-socjeta rikorrenti sabiex imur ghand l-intimat. Id-*deliverman* informa lix-xhud li l-hanut kien ghal bejgh. Fis-sena 2012, ix-xhud qal li huwa skopra li l-intimat kien fetah hanut bl-isem ta’ Print Shop gewwa Hal-Lija. Huwa mar mal-ewwel hemmhekk u kellem lill-intimat. Skond ix-xhud, l-intimat “*...dak-in-nhar kien qalli illi bhala flus ma setghax ihallas u kien issuggerili illi naghmlu barter*” (fol. 17). Wara li kien kellem lid-direttur tas-socjeta rikorrenti

Frank Xuereb, huwa kien talab lill-intimat sabiex jaghtih stima ghal xi T-Shirts, izda din l-istima kienet gholja wisq meta mqabbla ma stimi ohra. Sussegwentement, f'Dicembru, 2013 huwa kien talbu stima ohra ghal logo li kienu ser jaghmlu ghal fuq il-vetturi tas-socjeta rikorrenti pero anke f'dan il-kaz, l-istima kienet ferm ghola minn stimi ohra li s-socjketa rikorrenti kienet gabet ghal dan ix-xoghol. L-intenzjoni ta' dan kollu, jkompli jghid ix-xhud, kienet sabiex jkun jista jigi saldat parti mill-prezz li kien ghad fadallu jhallas l-intimat lis-socjeta rikorrenti. Ix-xhud qal ukoll li "*ahna tant kellna nteress li nippruvaw nehilsu din il-kwistjoni illi konna sahansitra lesti li nhallsu xi ftit aktar mill-orhos prezz ta' haddiehor pero ma konniex lesti li nhallsu d-doppju. Fil-fatt anke kont baghtlu wkoll il-kwotazzjonijiet bl-istimi li kien bghatilna haddiehor. Bqajt bla risposta u ordnajnihom minn band'ohra*" (fol. 18).

Mistoqsi in kontro-ezami dwar dan l-inkontru li kien sehh gewwa l-hanut bl-isem ta' Print Shop f'Hal-Lija u li d-diskursata kienet fis-sens li l-intimat kien lest li jaghti skont lis-socjeta rikorrenti ghax-xoghol li kienet eventwalment tordna minghandu u dan sabiex jaqta fil-qasir id-diskors li kien qieghed isir dwar allegati hlasijiet dovuti minnu lis-socjeta rikorrenti, x-xhud cahad dan. Anzi qal li "*huwa ammetta li kellu jtina u qal ukoll illi ma kellux flus biex jaghtina dak li kien dovut lilna ghax kien ghalaq il-hanut u ghalhekk issugerixxa li naghmlu tpartit.*" (fol. 18).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. L-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi deciza hija dik tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu. Din taqra hekk: "*Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta*". L-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 jipprovdi li "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn: (a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta'xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu*". L-abbli difensur tas-socjeta rikorrenti sahaq li f'dan il-kaz huwa applikabbli d-dispost ta' l-artikolu 2151 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

*"(1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hem kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor.*

*(2) Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni".*

Dan peress li l-intimat stess kien accetta l-kont mibghut mis-socjeta rikorrenti meta huwa kien iffirma d-dokument li hem esebit a fol. 20 tal-process (dok. SC 1).

7. Skond ma irrizulta mill-provi, x-xogholijiet fil-fond Mink Bar and Club kienu nbdew f'April, 2010 u tlestew f'Gunju ta' dik l-istess sena. Fis-7 ta' Lulju, 2010 inharget il-fattura li hem esebita a fol. 20 tal-process u li l-ahhar hlas li s-socjeta rikorrenti tghid li hija recviet minghand l-intimat kien jirrisali ghat-12 ta' Marzu, 2011 (ara fol. 13). It-Talba odjerna infethet fis-7 ta' April, 2014 u allura ferm wara l-perjodu ta' sentejn li jissemma fl-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti kull konsiderazzjoni ohra dwar jekk dan il-perjodu kienx interrott jew le t-Tribunal huwa tal-ferma konvinzjoni li ghal din it-Talba odjerna japplika dak li jiddisponi l-artikolu 2151 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq citat. Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Ciantar vs Hotels Administration Limited**[1] inghad li biex it-terminu qasir imsemmi fl-artikoli 2147 sa 2150 tal-Kap. 16 jigi trasformat ghall-perjodu ta' hames snin jehtieg li jkun hemm approvazzjoni, anki implicita, tal-intimat. Kompliet tghid il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz hawn appena citat li "*tali trasformazzjoni, bhall-interruzzjoni, ghandha tigi pruvata minn min jallegaha u mhux minn min jirrezistiha*[2]. *Il-fatt tal-esebizzjoni tal-kont, minghajr provi ohra korroborattivi u konkluzivi, ma jgibux din it-*

[1] deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fl-20 ta' Ottubru, 2003 (App. Nru. 855/2002/1) per Imhallef Ph. Sciberras;
[2] **Negoziante Vincenzo Benedetto Dimech et vs Vincenzo Attard et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-8 ta' Marzu, 1872 [Kollez. Vol. Nru. VI/140];

*trasformazzjoni*[3]*. Anke kieku stess dan il-kont intalab mis-socjeta` konvenuta dan ma jfisserx necessarjament illi hi ammettiet il-pretensjonijiet tal-attur*[4]*. Dan ghar-raguni semplici illi r-rikonoxximent ta' kull debitu kellu jkun car u esplicitu*[5]". Inghad fis-sentenza **Raymond Camilleri noe vs Anthony Scicluna pro et noe,** citata mid-difensur tas-socjeta rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern, li "*Din id-disposizzjoni effettivament tipprovdi illi fejn il-kreditu ghal xoghlijiet jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief b' gheluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni*[6]". Kompliet tghid il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz hawn imsemmi li "*fid-dritt Ruman jidher li accettazzjoni u rikonoxximent bhal dan jittraduci ruhu fl-azzjoni denominata "actio constitutae poecuniae", fundata fuq il-patt ("constitutum") li bih wiehed jobbliga ruhu li jhallas dak li ghandu jhallas hu jew haddiehor, bi kwalunkwe titolu, anke fejn l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun incert. Jghid il-**Pothier** illi "per contrarre il costituto bisogna che le parti siano d' accordo*[7]*". Riportat ghal kaz de quo huwa innegabbli illi bil-fatt tal-hrug tac-cheque, anke jekk dan baqa' ghal ragunijiet ohra, ma ssarrafx, dan kien jammonta ghal manifestazzjoni cara ta' konvenzjoni vera u proprja li biha l-konvenut proprio et nomine kien qed jistqarr li huwa debitur versu s-socjeta` attrici, f' liema kaz issir applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali*[8]". Fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Mallia vs Direttur Generali**[9] inghad li "*hu ritenut mill-gurisprudenza illi l-kliem tal-predett artikolu ghandu jinftiehem fis-sens illi l-kont ikun ghal kollox approvat u*

---

[3] Ara ukoll **V. Xuereb Aluminium Works vs Randolph Xuereb et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fit-2 ta' Marzu, 2004 (App. Nru. 1424/2001/1) per Imhallef Alberto Magri

[4] **Giovanna Caruana vs Salvino Scicluna et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Gunju, 1948 [Kollez. Vol. Nru. XXXIII/i/285];

[5] **Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Ottubru, 1954 [Kollez. Vol. Nru. XXXVIII/iii/723]; u **Carmelo Attard et nomine –vs- Domenic Micallef et noe**, Appell, 19 ta' Novembru 2001

[6] ara f'dan ir-rigward **Raymond Camilleri noe vs Anthony Scicluna pro et noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jananr, 2004 (Cit. Nru. 1865/1996/1) per Imhallef Ph. Sciberras;

[7] ara fuq dan il-punt id-decizjoni fl-ismijiet: **Alfredo Borg vs Carmelo Brincat et** deċiża mill-Prim' Awla nhar il-5 ta' Gunju, 1959 [Kollez. Vol. Nru. XLIII/ii744];

[8] **Negoziante Joseph Portelli vs Giuseppa Vassallo et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 1947 [Kollez. Vol. Nru. XXXIII/i/142];

[9] deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fis-26 ta' Marzu, 2010 (App. Nru. 389/2008/1) per Imhallef Ph. Sciberras;

*li fuq il-hlas ma jkunx hemm kwestjoni bejn il-partijiet ghax anke jekk wiehed jitlob li jinghatalu kont tal-prestazzjonijiet tieghu ma jfisserx necessarjament li huwa ammetta l-pretensjonijiet kollha ta' min jitlob il-kumpens*[10]". Fil-kaz odjern, meta l-intimat iffirma l-fattura li hemm esebita a fol. 20 tal-process (dok. SC1) huwa ma kienx qieghed biss jirrikonoxxi li x-xoghol kien sar jew li huwa kien qieghed jaqbel ma l-ammont indikat lilu f'din il-fattura mis-socjeta rikorrenti, izda li huwa kien qieghed jirrikonoxxi dan id-debitu tant li iffirma ghalih u li huwa kien lest li jhallsu permezz ta' diversi pagamenti. Ghalhekk l-eccezzjoni mqanqla mill-intimat li l-azzjoni odjerna hija perenta hija ghall-kollox infondata fil-fatt u fid-dritt. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument dan l-artikolu tal-ligi ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern, it-tribunal huwa xorta wahda tal-fehma li s-socjeta rikorrenti irnexxielha tipprova li kien hem interuzzjoni tal-perjodu preskrittiv u tar-rikonoxximent tad-debitu meta hija resqet provi u xhieda li turi li sa l-ahhar tas-sena 2013 hija kienet ghadha qed tipprova tasal fi ftehim ma l-intimat billi tiehu xi xoghol minghandu u flok thallas il-prezz ghal dan ix-xoghol, dan jitnaqqas mill-kont pendent. Ix-xhieda mressqa mis-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward huma aktar kredibbli, fil-fehma tat-Tribunal milli dawk imressqa mill-intimat. Ghalhekk ukoll l-imsemmi eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' malta qeghda, kif diga inghad, tigi michuda.

8. Imiss issa li tigi determinata t-tieni eccezzjoni ta' l-intimat u cioe li huwa ma ghandu jhallas l-ebda bilanc lis-socjeta rikorrenti. Fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Scicluna vs John Scerri**[11] inghad li "*hu principju mhux kontrastat in materja illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah*[12] *u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur l-attur. Dan hu in armonija mal-principju generali accettat minn zmien antic mit-trattatisti Inglizi f'materja probatorja, u gie hekk espress mill-*Phillips,

---

[10] ara **Giovanni Camilleri -vs- Dottore Fisico Arturo Cassar**, Appell, 12 ta' Gunju, 1944 [Kollez. Vol. Nru. XXXII/i/58] u **Giovanna Caruana - vs- Salvino Scicluna *et***, Appell, 4 ta' Gunju, 1948 [Kollez. Vol. Nru. XXXIII/i/285];

[11] deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju, 1951 [Kollez. Vol. Nru. XXXV/iii/604];

[12] ara ukoll **Negoziante Michele Apap noe vs Giuseppe Grech** deciza mill-Qorti tal-Kummerc datata 28 ta' Mejju 1885 [Kollez. Vol. Nru. X/825] fejn gie sancit il-principju illi: "*la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*"; ara ukoll s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Cassar vs Agius** deciza fid-9 ta' Lulju, 1924;

*Treatise on the Law of Evidence, page 189 – Although in general it is necessary for a party who brings an action, to prove all the material facts which he alleges in support of his claim, yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defendant's liability, then the burden of the proof lies on the defendant, not upon the plaintiff*". Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet: **Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat**[13] illi "*min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx*[14]*, jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt*[15]". Meta l-intimat gie mistoqsi ghar-rigward tar-ricevuti li juru l-hlas minn allegat, huwa wiegeb billi qal li "*meta jiena ghalaqt dan in-negozju d-dokumenti suppost kellhom johorgu minn dak il-hanut u jigu Ghandi l-ufficju pero ma waslux l-ufficju u huma mitlufin*" (fol. 16) u b'referenza ghall-ircevuti, l-intimat qal li "*... zammejt pero llum il-gurnata huma mitlufin*" (fol. 18). Zied jghid l-intimat illi "*jiena nimmagina li kieku kelli nhallas is-socjeta rikorrenti kienet tigri warrajja mal-ewwel mhux thalli dawn is-snin kollha mbaghad tipprocedi kontrija*" (fol. 16). Fil-kawza hawn fuq citata Scicluna vs Scerri inghad li "*il-fatt li l-kreditur idum ma jirreklama l-kreditu tieghu, meta dan ma kienx kuntrastat, ma jiswa xejn biex jghin l-eccezzjoni tal-pagament*". Oltre dan, jirrizultamill-provi li s-socjeta rikorrenti baqghet tippersisti wara l-intimat sabiex huwa jhallas l-ammont minnu dovut sakemm ma kellhiex triq ohra ghajr li tiftah dawn il-proceduri odjerni. Kienet anke lesta sahansitra li tiehu parti mill-ammont lilha dovut f'xoghol minghand l-intimat, izda dan baqghet ma ghamlitux l-ghaliex il-prezzijiet likien qieghed jikkwota l-intimat, meta ta stima ghax-xogholijiet rikjesti mis-socjeta rikorrenti, kienu bil-wisq ghola minn stimi ohra moghtija lis-socjeta rikorrenti minn terzi. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminx ix-xhieda mressqa mis-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward. L-intimat da parti tieghu baqa ma offra l-ebda prova kredibbli, fil-fehma tat-Tribunal, li huwa kien effettivament ghamel il-

---

[13] deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar, 1965 [Kollez. Vol. Nru. XLIX/ii/776];

[14] ara s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Rosario Spiteri vs Michele Mifsud** nhar it-30 ta' Ottubru, 1953 [Kollez. Vol. Nru. XXXVII/i/525];

[15] ara **Cassar vs Agius** deciza fid-9 ta' Lulju, 1924 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri; u l-kawza fl-ismijiet **Cricchiola vs Pulis** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar, 1965;

pagament minnu dovut. Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ta’ l-intimat qeghda tigi michuda.

9. Ghar-rigward tal-mertu tal-kaz, jirrizulta li l-intimat kien accetta li huwa kellhu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ €7,856.55 (ara fol. 20). Skond ir-rendikont li hem esebit a fol. 13 tal-process, jirrizulta li l-intimat hallas is-somma ta’ €5,310 bejn is-7 ta’ Lulju, 2010 u t-12 ta’ Marzu, 2011 lis-socjeta rikorrenti. Dan ihalli bilanc favur is-socjeta rikorrenti ta’ €2,546.55 li huwa proprju l-ammont reklamat minnha f’dawn il-proceduri odjerni. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mqanqla mill-intimat;

2. Jichad it-tieni eccezzjoni tieghu;

3. Konsegwentement qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u qieghed jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma reklamata ta’ elfejn, hames mija sitta u erbghin euro u hamsa u hamsin centezmi ta’ euro [€2,546.55] bl-imghaxijiet kummercjali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mis-7 ta’ Lulju, 2010 sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------